MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Numru. 216/2012

Il-Pulizija
(Sp Robert Vella, Sp Anna Marie Micallef u Sp Yvonne Farrugia)
vs
Carmela sive Charmaine Camilleri, bint Bartolomeo, imwielda Pieta' fis-7 ta' Marzu, 1971, Karta ta' l-Identita numru 139071(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f'Marzu, 2010 u fix-xhur/snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel

titwemmen l-eżistenza ta' intraġrizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ b'qerq ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Fr. Timon Mercieca, Lina Farrugia u ta' l-HSBC Bank Malta plc;

2. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamlet qliegħ b'qerq ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Jeanne Micallef u ta' l-HSBC Bank Malta plc;

3. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' 'cheques' tal-HSBC Bank Malta plc, li jappartjeni lill-Fr. Timon Mercieca, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll xjentement għamlet użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

4. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' 'cheques' tal-HSBC Bank Malta plc, li jappartjeni lil Jeanne Micallef, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll xjentement għamlet użu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

5. fil-Baħrija, limiti tar-Rabat (Malta) matul ix-xahar ta' Diċembru, 2009 ikkomettiet serq ta' 'cheque book' tal-

HSBC Bank Malta plc, li jappartjeni lill-Fr. Timon Mercieca, liema serq sar għad-dannu ta’ l-istess HSBC Bank Malta plc u ta’ Fr. Timon Mercieca, li ma jaqbiex l-€10;
6. f’tas-Sliema matul ix-xahar ta’ Marzu, 2010 ikkomettiet serq ta’ ‘cheque book’ tal-HSBC Bank Malta plc, li jappartjeni lill-Fr. Timon Mercieca, liema serq sar għad-dannu ta’ l-istess HSBC Bank Malta plc u ta’ Fr. Timon Mercieca, li ma jaqbiex l-€10;
7. f’tas-Sliema, bejn il-21 ta’ Marzu, 2010 u it-22 ta’ Marzu, 2010 ikkomettiet serq ta’ diversi oġġetti li sar għad-dannu ta’ Sudipta Sumi Chakraborty liema serq ma jeċċdeix is-somma ta’ €232.94;
8. f’dawn il-Gżejjer, matul ix-xahar ta’ Marzu, 2010 u fix-xhur/snin ta’ qabel, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom u ciioe’ ‘cheques’ u ħwejjeġ oħra misruqa;
9. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risouluzzjoni waħda, xjentement għamlet użu minn ċedola, polza, ordni, jew dokumenti oħra falsifikati, illi meta jiġu prezentati wieħed jista’ jirċievi ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta’ oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skkont il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Frar, 2012 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar, 2012 fejn seduta stante l-imputata kkonsenjat is-somma ta' €3,000 lill-Fr. Timon Mercieca li min-naħa tiegħu ħafer lill-imputata. Il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputata ħallset lil Lina Farrugia fil-ġranet ta' qabel ma bdiet din il-kawża.

L-imputata nfurmat il-Qorti li hi qed tobbliga ruħha li tħallas is-somma ta' €1,475 lil Jeanne Micallef fi żmien sitt xhur mil-lum.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena. Għal dan ir-rigward il-prosekuzzjoni hi tal-fehma li tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-imputata piena karċerarja tkun kontro-produċenti. Il-prosekuzzjoni hi ta' din il-fehma minħabba l-fatt li hi kkoperat mal-pulizija, qed tgħin lill-pulizija f'investigazzjoni oħra u li saru pagamenti u obbligu ta' pagament.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tmien (8) akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża. Issibha ħatja tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 18, 167, 183, 184, 284, 308 u 310(1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' 'Probation' kontra l-imputata għal żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputata biex fi żmien sitt xhur massimu għandha tħallas is-somma ta' €1,475 danni lil Jeanne Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------